

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-21 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana**

(Kawża C-339/06) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/116/KE — Anness tad-Direttiva 82/471/KEE — Għalf — Candida guilliermondi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu stabilit)

(2007/C 183/24)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentant: C. Cattabriga, aġent]

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana [rappreżentanti: I. Braguglia u S. Fiorentino, agents]

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu stabilit, id-dispożizzjonijiet neċċesarji kollha sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/116/KE tat-23 ta' Diċembru 2004, li temenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE rigward l-inklużjoni tal-Candida guilliermondi (ĠU L 379, p. 81)

## Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu stabilit, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/116/KE tat-23 ta' Diċembru 2004, li temenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE rigward l-inklużjoni tal-Candida guilliermondi, ir-Repubblika Taljana naqset mill-twettaq l-obbligi tagħha skond din id-Direttiva.

- 2) Ir-Repubblika Taljana hija ordnata tbat i l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 224 tas-16.9.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja**

(Kawża C-392/06) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2002/15/KE — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu impost)

(2007/C 183/25)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: N. Yerrell u R. Vidal Puig, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: M. A. Sampol Pucull, aġent)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas ta' adozzjoni, fit-terminu previst, tad-dispożizzjonijiet neċċesarji sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi imposti fuqu bis-saħħa ta' din id-direttiva.

## Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu impost, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentarji u amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi imposti fuqu bis-saħħa ta' din id-direttiva.
- 2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 294, 2.12.2006.